# Sqamel!

"Teodora, fittex daħħal saqajk minn hemm u agħlaq dik it-tieqa! Inkella l-*airconditioner* se jgawduh l-għasafar tal-bejt! U għid lil Lotario jinżel minn fuq is-*seat*. Qed jgħattili l-ħġieġa ta' wara b'dik ir-ras!"

Thea, li kienet tgħodd mat-tnax-il sena, bi tlettax-il molla minn kull lewn imdaħħlin f'xagħar bjond maqtugħ qasir, inxteħtet mimduda fuq is-*seat*, tonfoħ imfantsa. Għaliha l-kelma 'bilqiegħda' ma kienet tagħmel l-ebda sens. X'hemm aktar komdu milli timtedd fuq is-*seat* ta' wara tal-i*station wagon* ta' missierha, b'saqajha ħierġa mit-tieqa għall-frisk? U bil-kelb tagħha ħdejha jżommilha kumpanija tul il-vjaġġ?

"Papà, erġa' għajjatli 'Teodora' u nirrimettilek fil-karozza! Jien jisimni Thea. U dan mhux



Lotario imma jismu Zorro!" iddikjarat Thea bl-akbar serjetà. Kemm ma kinitx tista' għalih dak l-isem! "U anke int Zorro, hux? Jekk jerġa' jgħajjatlek Lotario, se tirrimettilu hawn ukoll! Issa inżel!"

Il-kelb goff ta' Thea, iswed dlam, sab postu fuq wara nett fejn soltu jitgħabbew il-bagalji. Niżel bi kwietu bejn il-basket u l-*mountain bike* tat-tfajla, nebaħ waħda biex juri li fehem xi jridu minnu, u medd rasu fuq saqajh qishom paletti tat-*table tennis*.

Dak il-vjaġġ kien tortura għal Thea. Kien żball mill-bidu sal-aħħar, ħasbet. Mhux biss, imma l-kbir kien għadu ġej! Kellha tqatta' s-sajf f'Altafonte, għand iz-zija Costanza, oħt il-mamà. Hawn f'dil-belt żgħira ma kien hawn xejn ħlief toroq dojoq imserrpin u siti storiċi. Il-papà kien qalilha li f'Altafonte nstabu xi fdalijiet tal-Etruski, nies li għexu qabel ir-Rumani. Ftit kien jinteressaha dwarhom lil Thea. Xi ħadd staqsieha jekk riditx tiġi hawn? Tarax! Il-papà

u l-mamà, jekk idaħħlu xi ħaġa f'rashom, xejn ma jbiddlilhom fehmthom. U kien kollu għalxejn li Thea sabbtet saqajha, ipprotestat, heddithom li tilmenta quddiem bord tad-drittijiet tat-tfal … baqgħu sodi fid-deċiżjoni tagħhom. Imma Thea ma kinitx waħda li ċċedi l-armi kif ġieb u laħaq. Ma xtaqitx tgħaddi sajf 'il bogħod minn kulħadd. Ippruvat l-aħħar tentattiv.

"Jekk nibqa' Ruma, inkun nista' nieħu ħsieb lil Widellek, xħin il-mamà tkun l-uffiċċju —" issugrat tkompli tipprotesta Thea. Kienet ta' spiss tgħajjar lil ħuha ċkejken, wiċċ imdellek. Biż-żmien bdiet tgħajjatlu Widellek fil-qasir. "Niffrankaw li nġibu *babysitter* biex toqgħod miegħu," baqgħet tinsisti.

"Hekk nagħmlu, iva … u nonfquhom f'xi klinika!"

Thea ndunat li din kienet battalja mitlufa. Meta missierha, Luigi, jibda jirrispondiha b'dan il-mod, ftit kien jibqgħalha tama li tgħaddi tagħha.

"Ma tarax se nafdawh miegħek? Mela int għandek sabar għal miegħu? Kieku nsibuh barra t-tieqa, imdendel bil-labar tal-inxir! U tgħajjatlux Widellek, miskin, għax se tqabbdu fissazzjoni," spiċċa jgħidilha l-papà bid-daħqa.

Thea ċediet l-armi. Minkejja t-ton ċajtier u ironiku tal-papà, it-tfajla setgħet tinduna li missierha kien kapaċi jżomm sod u ma kienx se jċedi għall-protesti tagħha. Infexxet tgiddem difrejha. Kienet qabdet dal-vizzju mindu twieled ħuha ż-żgħir.

"Min qatt qal li għandna nħobbu lil dawk ħutna li jiġrulek imbè ġo kamartek u jħokku s-snien mal-flokkijiet li jkollok jiġru fl-art?" bdiet tgemgem minn taħt l-ilsien Thea. "Aħjar Zorro! Almenu malli ngħidlu joqgħod bi kwietu, jobdi mill-ewwel u mhux iwerżaq kif toħodlu flokk minn ħalqu!"

"... Issa tara kif se tieħu gost!" qal missierha bil-kalma kollha.

"Tgħidlix! U naħdmu film kif għaddejt

il-vaganzi u nsemmuh 'Sajf maz-zija x-xiħa'!"

Luigi ħares lejn bintu minn ġol-mera.

"Maz-zija 'x-xiħa'? X'inti tgħid? Costanza għad għandha biss sebgħa u għoxrin sena!"

Thea baqgħet bla kliem u malajr bdiet tagħmel il-kalkoli tagħha. Costanza kienet akbar minnha ħmistax-il sena biss! Madankollu xorta xtaqet li tgħaddi tagħha u reġgħet irribattiet.

"U iva, sebgħa u għoxrin u tliet mitt sena, mhux xorta tibqa' z-zija?"

Luigi nfaqa' jidħaq. Tawwal idu forsi jmelles ras Thea, imma hi dlonk inġibdet. Kellha xebgħa nervi u ħadd u xejn ma kien se jneħħihomlha dak il-ħin.

"Id-dar kont se tiddejjaq," kompla jgħidilha. Il-geddum sal-art ta' bintu xejn ma biddillu fehmtu. "Jien se nkun qed naħdem fuq il-ġurnal il-ġurnata kollha u l-mamà tkun l-uffiċċju. X'kont beħsiebek tagħmel waħdek? Hawnhekk, f'Altafonte, tista' tmur tiġri bir-rota, tmur sal-baħar—"

"… Taħt l-umbrella, imdawra b'nisa kollhom sonża jindilku biż-żejt u jintnu daqs il-kawlata tal-majjal! Dak gost! Ma stajtux tibagħtuni l-Ingilterra ħdejn Martina, almenu? Imbagħad oqogħdu għiduli li m'għandix Ingliż tajjeb!"

Thea ndunat li kienet għolliet xi ftit leħinha u minn ġol-mera rat lil Luigi jisserja. Aħjar toqgħod attenta! Għajnu tax-xellug bdiet titbaxxa qisha riedet tieħu l-mira qabel jispara. U l-mira, fuq Thea kienet! Meta lil missierha kienet taqbiżlu u kien jibda jbaxxi għajnu, dawk li kienu jafuh mill-qrib kienu joqogħdu attenti minnu. Thea siktet, xi ftit imbeżżgħa, għaqqdet il-ponn u stennietu jiżbroffa … iżda b'xorti tajba ma ġara xejn minn dan.

Luigi nefaħ waħda kbira, donnu biex ikun żvoga.

"Mindu l-ġenituri ta' Martina sseparaw, ikollha tgħaddi s-sajf ma' missierha u tmur l-Ingilterra bilfors!" qalilha donnu minn bejn snienu.